MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Numru. 495/2014

Il-Pulizija

(Spettur Dr. Mario Cuschieri)

Vs.

Philip Mifsud

**IL-QORTI**;

Rat il-Mandat t'Arrest Ewropew (MAE) mahrug mill-"GIP del Tribunale di Genova" kontra Philip Mifsud, ta' 58 sena, iben Joseph u Teresa nee' Tabone, imwieled Haz-Zebbug, Malta nhar is-27 ta' Marzu 1955 u residenti 50, Triq il-Konservatorju, Floriana, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru

278655(M) (aktar l-isfel maghruf bhala "l-estradant") minn fejn jirrizulta li dawn l-Awtoritajiet Gudizzjarji Taljani talbu li l-istess estradant jigi mibghut minn Malta lejn l-Italja (pajjiz skedat ai termini tar-regolament 5 tal-Avviz Legali 320 tal-2004 [aktar l-isfel maghruf bhala "l-Ordni"]) *for the purposes of conducting a criminal prosecution* ghar-reati ta' :

a. "aggravated smuggling of foreign tobacco products";
b. "forgery of public documents committed by a public officer on the grounds of an error induced by the deceit of others";
c. "smuggling of foreign tobacco products";
d. "criminal association for the purpose of smuggling foreign tobacco products".

Rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali skond l-Artikolu 7 tal-Ordni fejn jiccertifika li l-*Giudice per le Indagini Preliminari* fi hdan it-Tribunal ta' Genova hu l-awtorita` li hareg il-MAE kontra l-estradant ghandu l-funzjoni li johrog mandate t'arrest fl-Italja;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju 2014 mizmuma quddiem din il-Qorti diversament presjeduta minn fejn jirrizulta li giet kondotta l-"initial hearing" minn fejn gie certifikat li dik il-Qorti kienet sodisfatta li l-Persuna ta' Philip Mifsud migjuba quddiemha kienet l-istess persuna li jirriferi ghaliha l-MAE u dan ai termini tar-regolament 10 tal-Ordni kif ukoll fejn jirrizulta li l-estradant ma kienx qieghed jaghti l-kunsens tieghu biex jintbaghat lura lejn il-pajjiz skont il-MAE;

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-atti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta` Mejju 2014;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju 2014 fejn id-difiza talbet li din il-Qorti joghgobha tissoprasjedi stante li kienu gew intavolati proceduri fil-Prim Awla tal-Qorti Civili (152/2014JRM), fejn *inter alia* dik il-Qorti giet mitluba tiddikjara bhala nulla u bla effett l-emenda promulgata u introdotta bl-Avviz Legali 421/2013;

Rat il-provvediment taghha stess tas-16 ta` Gunju 2014 fejn din il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza ai termini ta` l-Artikolu 12 ta` l-Ordni, stante li t-talba ghas-soprasessjoni kienet qed tigi respinta;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta` Gunju 2014 fejn id-difiza ssollevat is-segwenti eccezzjonijiet : -

1. Dwar l-awtenticita' tad-dokumenti li a bazi taghhom saret din il-procedura (fis-sens illi l-MAE mhux dokument awtentikat – ara Artikolu 73A fost ohrajn - u allura mhux dokument validu f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma tistax issir estradizzjoni in bazi ghal tali dokument);

2. In linea generali, l-estradizzjoni ma tistax issir (fis-sens illi la darba kollox hu bbazat fuq l-ordni originali tat-22 ta` Lulju 2013, u la darba Philip Mifsud dak inhar kien ghadu indagat, u la darba fuq din l-ordni l-estradizzjoni giet michuda mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali permezz tad-decizjoni taghha tal-25 ta` Novembru 2013 wara li saret l-interpretazzjoni tal-kelma 'akkuzat' a differenza tal-kelma 'indagat', allura anke din il-Qorti ghandha tiddeciedi kontra li ssehh l-estradizzjoni);

3. L-eccezzjoni li r-reat immarkat "b" mhux reat estradabbli (fis-sens illi la huwa skedat u lanqas isib sinonimu mieghu fil-kamp penali Malti u allura ma hemmx il-kwistjoni tad-double criminality);

4. Impedimenti ghall-estradizzjoni – id-difiza tiddikjara li dwar dan ma ghandhiex sottomissjonijet x'taghmel;

5. Id-difiza qed tinvoka l-Artikolu 31 b'rabta ma dak li xehed it-tabib psikjatra Dr Joseph Spiteri.

Il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet dwar dawn il-punti sollevati u semghet ukoll l-argumenti tal-Prosekuzzjoni li jikkontrastaw l-argumenti tad-difiza, li lkoll gew traskritti u jaghmlu parti minn dawn l-atti fuq ordni tal-Qorti;

**Ikkunsidrat**;

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hawnhekk si tratta ta' decizjoni dwar jekk l-imputat ghandux jigi mibghut l-Italja *for the purposes of conducting a criminal prosecution* fil-konfront tieghu hemmhekk. Dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti ma jwaslux ghal xi forma ta` dikjarazzjoni ta' htija jew in-nuqqas taghha.

Barra minn hekk dawn huma proceduri partikolari hafna, sa certu punt sui generis, ibbazati fuq id-Deċizjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju, 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri magħmul fil-Lussemburgu fit-13 ta' Ġunju, 2002, adottat konformement mat-Titolu VI tat-Trattat, li għandu l-pattijiet tiegħu stipulati fl-arranġament relattiv u ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern li ġġib id-data ta' l-1 ta' Ġunju, 2004, kif emendat bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta Frar, 2009 (aktar l-isfel maghruf bhala l"Arrangament") intizi sabiex jithaffef il-procediment ta' treggiegh ta' persuni li jkunu fit-territorju tal-Unjoni Ewropeja u li jkunu allegatament ikkommettew reati kriminali f'xi pajjiz rikjedent. Dawn il-proceduri huma soggetti ghall-principju baziku imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Decizjoni Kwadru li jippreskrivi l-principju ta' rikonoxximent reciproku ta' atti gudizzjarji u l-fiducja reciproka li Awtoritajiet Gudizzjarji ghandhom ikollhom fi hdan din l-Unjoni. Wiehed jifhem li dawn huma principji relattivament ricenti li ddahlu fl-ordinament guridiku Malti u Ewropew u ma kienux minghajr skossi u polemiki. Il-fatt hu li llum, l-Istat Malti ghazel li jkun parti minn din l-Unjoni u konsegwentement, ghazel, jew kellu jaghzel li jintroduci dan il-qafas regolatorju bhala parti mill-pakkett shih li din l-Unjoni timplika.

Naturalment dan ghandu l-konsegwenzi tieghu. Fosthom li r-regoli imsemmija fl-Ordni li huma bbazatati fuq l-Arrangament, jiddipartixxi wkoll minn certi principji ohra li kienu jezistu qabel fil-Kap 276 jew ahjar jigu introdotti certi proceduri sabiex il-konsenja ta' persuna minn Stat tal-Unjoni ghal iehor isir b'mod aktar celeri, anqas burokratiku u aktar spedit. Fi ftit kliem, fi hdan l-Unjoni Ewropeja, il-livell ta' zvilupp komuni fil-kamp tal-harsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-izvilupp fil-ligi penali kemm sostantiva kif ukoll proceduralі waslu sabiex l-istati membri ta' din l-Unjoni jafdaw aktar lil xulxin u lill-Awtoritajiet Gudizzjarji fi hdanhom.[1]

Dan ma jfissirx li l-Qrati Maltin ghandhom jaghlqu ghajnejhom ghal kollox u jsiru biss timbru ghal dak rikjest mill-Qrati Ewropej. Wara kollox ghalhekk hemm l-Ordni. Biss bla dubju, dan l-istess Ordni jiffacilita bil-kbir l-iter ghalbiex persuna f'Malta tkun tista tigi mibghuta f'pajjiz iehor tal-Unjoni, inter alia biex issegwi proceduri penali f'dak il-pajjiz.

Ghal dak li jirrigwarda il-kaz li ghandna llum quddiemna, din il-Qorti taghmilha cara illi apparti li qieset kollox kif suppost, qed taghmel ampja referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta (per Magistrat Dr. Aaron Bugeja - 'Il-Pulizija vs. Philip Mifsud' 911/2013) tat-18 ta` Ottubru 2013, in segwitu ghal proceduri ohra kontra l-istess persuna li ghandna llum f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**;

1. Dwar l-awtenticita' tad-dokumenti li a bazi taghhom saret din il-procedura (fis-sens illi l-MAE mhux dokument awtentikat – ara

[1] Ara d-diskors ta' Lord Hope of Craighead fil-kaz "Office of the King's Prosecutor, Brussels (Respondents) v. Armas" [2005] UKHL 67.

Artikolu 73A fost ohrajn - u allura mhux dokument validu f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma tistax issir estradizzjoni in bazi ghal tali dokument).

Minn ezami akkurat ta` l-Artikoli 73A u 5(9) ta` l-Ordni, fost ohrajn, u minn ezami akkurat tal-MAE ipprezentat in atti, din il-Qorti hi ta` l-umili fehema li ma hemm xejn x'jindika li ghandu jkollha d-dubbji dwar l-awtenticita` tieghu u kwindi dan id-dokument kien bizzejjed u jissodisfa l-vot tal-ligi b'tali mod li setghet tittiehed l-azzjoni *de quo* a bazi tieghu. U b'dan il-mod din il-Qorti qed tiddisponi minn din l-eccezzjoni.

2. In linea generali, l-estradizzjoni ma tistax issir (fis-sens illi la darba kollox hu bbazat fuq l-ordni originali tat-22 ta` Lulju 2013, u la darba Philip Mifsud dak inhar kien ghadu indagat, u la darba fuq din l-ordni l-estradizzjoni giet michuda mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali permezz tad-decizjoni taghha tal-25 ta` Novembru 2013 wara li saret l-interpretazzjoni tal-kelma 'akkuzat' a differenza tal-kelma 'indagat', allura anke din il-Qorti ghandha tiddeciedi kontra li ssehh l-estradizzjoni).

Bl-akbar rispett lejn l-isforzi ta` l-abili difensuri ta` Philip Mifsud, dan l-argument ma jregix. Huwa veru li wiehed irid jirrikonoxxi s-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali tal-25 ta` Novembru 2013 (App. Nru 446/2013) – proceduri bbazati fuq il-mandat mahrug fil-31 ta` Awwissu 2013 a bazi ta` *order of preliminary custody* mahrug fit-22 ta` Lulju 2013; u huwa veru li dan l-*order of preliminary custody* tat-22 ta` Lulju 2013 reggha ssemma fil-mandat mahrug fl-10 ta` Dicembru 2013 – liema mandat huwa l-bazi ta` dawn il-proceduri odjerni. Izda dan ix-xenarju ma jbiddel xejn mill-effett shih li ghandu jkollu l-mandat mahrug fl-10 ta` Dicembru 2013.

Din il-Qorti hija sodisfatta mill-fatt li Adriana Petri hija giudice per le indagini preliminari fit-Tribunal ta' Genova u hija sodisfatta wkoll li din hija awtorita kompetenti biex tohrog il-MAE. Dan fl-ahhar mill-ahhar iccertifikah l-Avukat Generali u huwa konklussiv. Dan il-MAE huwa mahrug fuq il-principji bazilari ta' "mutual trust" u "mutual recognition" li fuqhom huwa bbazat l-Arrangament. Il-Qorti hija sodisfatta li l-Awtoritajiet Taljani huma ggwidati min dawn il-principji wkoll u ghalhekk iridu l-estradant permezz tal-MAE tal-10 ta` Dicembru 2013.

Il-validita` ta` dan il-mandat, kif ukoll tal-*order of pre-trial custody issued on 22nd July 2013*, ma huma bl-ebda mod effettwati mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Kriminali tal-25 ta` Novembru 2013. Ma hemm xejn x'jindika li l-*order of pre-trial custody issued on 22nd July 2013* ma baqax vigenti. U b'dan il-mod din il-Qorti qed tiddisponi minn din l-eccezzjoni.

3. L-eccezzjoni li r-reat immarkat “b” mhux reat estradabbli (fis-sens illi la huwa skedat u lanqas isib sinonimu mieghu fil-kamp penali Malti u allura ma hemmx il-kwistjoni tad-‘double criminality’);

Illi jekk din il-Qorti fehmet sew waqt is-sottomissjonijiet maghmulha, id-difiza illimitat ruhha ghar-reat migjub taht il-paragrafu ‘b’ – *forgery of public documents committed by a public officer on the grounds of an error induced by the deceit of others*.

F’dan ir-rigward, a skans ta` ripetizzjoni, peress illi dan il-punt gie (bhal punti ohra), ammirevolment u ampjament, indirizzat minn din il-Qorti diversament presjeduta (per Magistrat Dr. Aaron Bugeja - ‘Il-Pulizija vs. Philip Mifsud’ 911/2013 bid-decizjoni tat-18 ta` Ottubru 2013 – taht it-titolu - 2. Ir-reat ta’ falsita ideologika kif kontemplat fil-“b” ma jsibx sinonimu fl-ordinament guridiku Malti u allura ma hemmx “double criminality” u ma jikkombacjax ma xi reat imsemmi fl-iskeda in kwantu r-reat ipotizzat mhux reat ta’ “forgery” izda huwa falz ideologiku.), u peress li din il-Qorti hi tal-fehema li tali pozizzjoni hija dik skond il-ligi, qed taghmel taghha ***in toto*** l-istess argumenti u konkluzjonijiet. Senjatament, bhal din il-Qorti diversament presjeduta, din il-Qorti tikkonkludi illi :-

*Fis-sustanza ghalhekk, l-imgieba (“conduct”) imsemmija fil-MAE mill-Awtoritajiet Taljani kienet tikkostitwixxi reat taht il-Ligi ta’ Malta kieku din tkun grat f’Malta minkejja li l-elementi tar-reati invokati ma humiex identici.*

*Minbarra dan jirrizulta li l-piena erogabbli mill-Kodici Penali Taljan, huwa dak ta bejn sena u sitt snin prigunerija u ghalhekk jissodisfa l-vot tar-regolament 59(3)(c) talOrdni.*

*Ghalhekk din il-Qorti issib li dan ir-reat huwa reat estradibbli skont l-Artikoli 12 u 59(3) tal-Ordni*.

U b’dan il-mod din il-Qorti qed tiddisponi minn din l-eccezzjoni.

4. Impedimenti ghall-estradizzjoni – id-difiza iddikjarat illi ma kienetx qed tinvoka xi wiehed jew aktar mill-impedimenti ghall-estradizzjoni skond l-Artikolu 13 ta` l-Ordni u allura ma kelliex sottomissjonijet x’taghmel f’dan ir-rigward – u dan ghamlitu minghajr pregudizzju ghal dak sollevat aktar qabel;

5. Id-difiza invokat l-Artikolu 31 b’rabta ma dak li xehed it-tabib psikjatra Dr Joseph Spiteri fis-seduta tas-16 ta` Gunju 2014.

Il-Psikjatra Joseph Spiteri spjega, *inter alia*, li l-estradant ilu taht il-kura tieghu ghal dawn l-ahhar tliet snin u kellu sintomi ta’ dipressjoni. Jiehu anti-depressants u antipsychotics. Xehed illi l-familja ta` l-estradand hija l-qofol tal-hajja tieghu. Kompla billi qal “... illi dan l-istat mentali jkun detriment ghas-sahha tieghu, jekk fil-fatt jkun go xi habs barra minn Malta. Il-main concern tieghi hija dik ......”.

In kontro-ezami gie stabbilit is-segwenti :

*Pros : Pero 'the actual transfer' it-tragitt, it-tragitt jista minnu nnifsu jikkawza hsara 'endangerment of life', the actual conveyance? It-tragitt?*

*Xhud : Le it-tragitt as such le. Il-kondizzjoni tad-detenzjoni barra*

**Ikkunsidrat**:

Illi l-kwistjoni kollha ddur dwar jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex ta' tali entita li jissodisfaw il-grad ta' serjeta li trid il-Ligi li minhabba fihom ikunu tali li ikun ta' "periklu għall-ħajjitha jew saħħitha li dik il-persuna titreġġa' lura".

Din il-Qorti thoss li ghandha terga lura ghas-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta (per Magistrat Dr. Aaron Bugeja - 'Il-Pulizija vs. Philip Mifsud' 911/2013 bid-decizjoni tat-18 ta` Ottubru 2013); u tirriproduci verbatim is-segwenti :

" It-tifsira trid tinftiehem fis-sens tal-Arrangament li jghid li

4. The surrender may exceptionally be temporarily
postponed for serious humanitarian reasons, for example
if there are substantial grounds for believing that it would
manifestly endanger the requested person's life or health. The execution of the European arrest warrant shall take
place as soon as these grounds have ceased to exist. The
executing judicial authority shall immediately inform the
issuing judicial authority and agree on a new surrender
date. In that event, the surrender shall take place within
10 days of the new date thus agreed

Hu car li l-Arrangament jirrikjedi li l-konsenja tista biss tigi posposta temporanjament ghal ragunijiet umanitarji serji. Ir-ragunijiet migjuba mill-estradant huma bla dubju umanitarji. Izda l-kwistjoni ma tidhirx serja ghal-fini ta' dan l-Arrangament. Is-serjeta hija kwalifikata bil-frazi "if there are substantial grounds for believing that it would manifestly endanger the requested person's life or

health". Jidher car li t-test mehtieg hawnhekk huwa wiehed strett hafna. Il-kundizzjoni mhux biss trid tkun li tqieghed f'perikolu, izda l-perikolu jrid ikun manifest ghal hajja jew is-sahha.

Il-Qorti tifhem li dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti u l-prospett ta' proceduri penali fl-Italja jistghu ikunu minnhom infushom sorsi ta' stress u tensjoni fuq il-persuna tal-estradant. U l-Qorti tista tifhem li r-ragunijiet migjuba mill-estradant jidher li jistghu iwaslu ghal peggorament fil-kundizzjoni ta' sahha tieghu – izda dan mhux bizzejjed ghal-fini ta' din l-Ordni u l-Arrangament. Fil-kuntest tan-natura tal-kundizzjonijiet imsemmija u l-medicinali mehuda biex jikkumbattu dawn il-kundizzjonijiet ma jistax jinghad li l-konsenja per se sejra twassal ghal manifest danger ghall-hajja jew sahha tal-estradant".

U b'dan il-mod din il-Qorti qeghda tiddisponi minn dan il-punt sollevat mid-difiza.

**Konkluzjoni**.

**Ghaldaqstant il-Qorti** qeghdha tordna li Philip Mifsud jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura lejn l-Italja u cioe l-pajjiz skedat minn fejn inhareg il-MAE u dan ai termini tar-regolament 13(5) u 24 tal-Ordni. Din l-ordni ghall-kustodja tal-estradant qeghdha ssir bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradant lejn l-Italja tkun soggetta dejjem ghal-"law of speciality" ossija in konnessjoni mar-reati addebitati lilu fil-MAE u msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni. Inoltre, din il-Qorti tirrakkomanda bil-qawwa kollha lill-Awtoritajiet tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, u wkoll partikolarment lill-Awtoritajiet Kompetenti tar-Repubblika tal-Italja li jipprovdu f'kull hin dik l-assistenza u ghajnuna medika u farmacewtika kollha mehtiega lill-estradant sabiex il-kundizzjonijiet kollha tas-sahha tieghu kemm jista jkun ma jigux pregudikati.

Il-Qorti qeghdha, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni kif ukoll tal-Artikolu 16 tal-Kap 276 tinforma lill-estradant li : (a) huwa mhux ser jigi mregga' lura lejn l-Italja qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;
(b) ghandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-Ordni;

U li jekk jidhirlu li xi wiehed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Kap 276 gie miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun giet jew x'aktarx tkun sejra tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, hija ghandha jedd titlob rimedju skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skond il-kaz.

In oltre, l-Qorti tfakkar lill-estradant bil-fakoltajiet naxxenti mill-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta` Malta. F'dan il-kuntest, la darba din il-Qorti giet informata illi l-estradand intavola proceduri fil-Prim Awla tal-Qorti Civili (bin-numru 152/2014 JRM) fl-ismijiet 'Philip Mifsud vs Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja et', ghandhom japplikaw it-termini stabbiliti fl-Artikolu 21(2) tal-Kap 276 tal-Ligijiet ta` Malta, applikabbli bis-sahha ta` l-Artikolu 33 tal-Ordni (L.S.276.05).

Ghal kull buon fini il-Qorti tordna li kopja ta` din id-decizjoni tigi komunikata mill-aktar fis lill-Avukat Generali kif ukoll lir-Registratur tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li taht il-gurisdizzjoni taghha jinsabu l-atti msemmija bin-numru 152/2014 JRM fl-ismijiet 'Philip Mifsud vs Segretarju Parlamentari ghall-Gustizzja et'.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------